MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 564/1992/1

**Renzo Cordina**

**vs**

**Stephen Grech**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fl-20 ta' Mejju, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu, numru U-2834 minn Triq il-Barrani Zejtun fit-23 ta' Jannar 1992 huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza F-7768 li kienet misjuqa mill-konvenut u b'rizultat ta' dan l-incident il-vettura tal-attur sofriet danni qawwijia, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, noncuranza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur dan baqa’ inadempjenti;

Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in liena ta’ danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ ittra legali kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Grech, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx imhabba t-traskuragni, imperitia, negligenza, non-kuranza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjent;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenut kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li in forza taghha, wara li ppremetta:

Illi fit-23 ta' Jannar 1992 hu kien qieghed isuq il-vettura Nru F7768 minn Triq il-Barrani, Zejtun, huwa safa' milqut b'daqqa minn wara minn vettura Nru U2834 misjuqa mill-attur rikonvenut u sofra danni;

Illi ghal dan l-incident stradali hu responsabbli l-attur rikonvenut peress li dan gara b'negligenza, u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur rikonvenut;

Talab ghalhekk li l-attur rikonvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq riferit u ghad-danni konsegwenzjali;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenjent b'rizultat tal-istess incident stradali;
3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenut rikonvenjent is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenjent;

Rat illi l-Qorti tat digriet li permezz tieghu hatret li Dr Simon Micallef Stafrace bhala perit legali f'din il-kawza bis-soliti fakultajiet. Il-Perit Legali halef ir-relazzjoni tieghu fil-Qorti.

Il-Qorti tirrileva illi dan il-process kellu jigi rikostruwit peress illi kien mitluf, u ghalhekk ma setghetx tirriproduci xi dettalji rigwardanti id-data tad-digriet illi permezz tieghu innominat lill-Perit Legali f'din il-kawza, kif ukoll id-data meta l-istess Perit Legali halef ir-relazzjoni;

Rat illi l-perit legali ghamel sunt tal-provi illi sema' :

“Il-fatturi determinanti fil-kollizjoni “de quo” huma s-segwenti : -

(1) l-overtaking manouvre maghmula mill-konvenut; u
(2) l-ghadira ilma li kien hemm fit-triq
(3) l-ispeed tal-attur

Il-partijiet qablu li l-incident gara wara manuvra ta’ surpass maghmula mill-konvenut, u li hekk kif saret din il-manuvra il-konvenut sab quddiemu ghadira ilma.

Il-punt li fuqu l-esponent ihoss li jrid jaghmel l-analizi tieghu ghar-rigward ta’ responsabilta’ ghall-incident huwa wiehed – jekk il-konvenut wara li jaghmel il-manuvra ta’ surpass lahaqx uza dahal fl-inner lane (u b’hekk gie quddiem l-attur) f’dak il-marginu ta’ zmien li ma kkawzax ostaklu ghall-attur. Min jaghmel manuvra ta’ surpass irid, fuq kollox jaghmel din il-manuvra b’tali mod li ma jfixkilx l-uzu legittimu u regolari tat-triq minn utenti ohra tal-istess triq. Fil-kaz in ezami l-utenti kienu tnejn, l-attur u l-konvenut. Dan ifisser illi l-konvenut ma kellux hlief li joqghod attent li ma jfixkilx lill-attur hu u qed jissorpassah. Il-konvenut x’ghamel.

It-triq in kwistojni hija wahda b’zewg lanes imorru lejn Rahal Gdid. Il-konvenut kien qed isegwi l-attur fuq l-inner lane, qaleb ghal fuq l-outer lane u rega kiser ‘il gewwa ghal fuq l-inner lane. Dwar il-parti ahhari ta’ din il-manuvra il-konvenut xehed illi minn meta qabez l-attur sakemm sab l-ghadira ilma kien lahaq skorra 20/25 pied. Xehed ukoll illi kif sab l-ghadira il-karozza waqfet immedjatament. Dan iffisser illli minn meta l-konvenut qabel lill-attur sakemm dar l-iskontru, id-distanza li perkorriet il-korozza tal-konvenut (u dik tal-attur) kienet biss ta’ 20/25 pied – tul ta’ xi tlett karozzi.

Fil-fehma tal-perit legali, jidher illi l-konvenut iddecieda li jikser lejn ix-xellug ghal gol-inner lane kmieni wisq. Dan billi : (1) l-ispeed tal-attur kien, skond hu ta’ xi 45 m.f.s. (Id-danni li refaq il-karozzi jistghu jittiehdu bhala prova ta’ dan l-ispeed specjalment fil-fatt li l-karozza tal-konvenut giet imbuttata mill-karozza tal-attur ghal fuq ic-cint fuq ix-

xellug tal-karreggjata in kwistjoni. (ii) tul ta' 25 pied bil-karozza li qed tigi sorpassata ghaddeja bi speed ta' 45 m.f.s. huwa tul kemmxejn qasir.

Fattur iehor ta' importanza hija l-ghadira ilma li ssorprediet totalment lill-konvenut. Wiehed irid pero' jistaqsi domanda ohra. Jekk l-ghadira issorpredietu, x'kienet ir-raguni ta' dan – jew ahjar, il-konenut kien qed izomm il-<u>proper lookout</u> rikjesta minnu ghal sewqan prudenti. Il-perit legali ihoss illi r-risposta ghal din ghandha tkun : le! Il-konvenut ma jistax jistrih fuq l-assistenza ta' din l-ghadira sabiex tiskulpah. L-incident gara f'parti tat-triq li, min ikun qed izomm "proper lookout", ikun jista jara ghadira tal-kwalita u kwantita deskritta mill-konvenut anki bix-xita niezla. Anzi pjuttost, bix-xita niezla wiehed irid joqghod aktar attend ghall-ghadajjar fit-toroq Maltin.

Ghalhekk, fl-umli fehma tal-perit legali, l-incident gara b'dan il-mod : Il-konvenut ghamel surpass tal-karozza tal-attur b'mod kemmxejn imprudenti u dana fil-parti ahharija taghha billi kiser 'l gewwa ghal quddiem l-attur b'manuvra briska u fi spazju limitat. Hekk kif mess l-ghadira l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura u fil-pront intlaqat "at speed" mill-attur."

Illi l-perit legali ghalhekk wasal ghas-segwenti konkluzzjoni :

"F'dawn ic-cirkostanzi l-perit legali ihoss illi ghall-incident "de quo" kien jahti unikament il-konvenut.

Dwar id-danni l-attur esebixxa id-Dokumenti RAR (1) sa RAR (4) fl-ammont ta' sitt miaj erbgha u sebghin liri Maltin u sittax il-centezmu LM674.16 ghar-riparazzjonijiet fil-vettura, u Dok RAR (5) u RAR (6) fl-ammont ta' LM132 ghar-rigward ta' kiri ta' karozza. Ghalhekk ammont totali ta' LM779.16 li l-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontestahom.

Ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali il-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident mertu

ta’ din il-kawza u jigi ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ LM779.16 in linea ta’ danni.”

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Gunju, 1993 illi permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenut ghall-hatra ta’ periti addizzjonali u hatret lil Dr Joseph M. Ciappara, Dr Mark Chetcuti u Dr Ivan Gatt.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu issostitwiet lil Dr Joseph M. Ciappara bhala perit addizzjonali b’Dr Paul Gauci Maistre bl-istess fakultajiet.

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali, illi qieghed jigi iccittat testwalment :

“Dan ir-rapport jirrigwarda incident stradali li sehh fit-23 ta’ Jannar 1992 fi Triq tal-barrani Zejtun fid-direzzjoni ta’ Rahal Gdid bejn vettura V-2834 misjuqa mill-attur u vettura F-7768 misjuqa mill-konvenut.

Jirrizulta illi l-incident sehh wara li l-konvenut kien qed isegwi lill-attur fil-lane ta’ gewwa waqt maltempata qawwija (kliem il-konvenut). Iddecieda li jaqbez lill-attur u ghalhekk xeghel l-indicator, ra li ma kien gej hadd minn warajh u lanqas quddiem l-attur, qabez lill-attur u rega’ gie quddiemu f’distanza ta’ 20 jew 25 pied. Dak il-hin sab ghadira ilma gholja (tant li meta hareg mill-karozza kellu gharkobbtejh fl-ilma) li hasditu u waqfitlu l-karozza. Qal li waqaf u hu u hiereg mill-vettura hass daqqa qawwija fuq wara mill-vettura tal-attur li tefghetu fuq cint li faqa’. Ma setax jiftakar kienx hemm vettura miexja bil-mod fl-outer lane qabel ma ssorpassa.

Minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tas-sewqan tal-attur, il-manuvra relevanti li wasslet ghall-incident kien is-sorpass tal-konvenut.

In materja ta’ gurisprudenza l-manuvra ta’ sorpass hi wahda permissibbli basta ssir bi prudenza u attenzjoni ghall-vetturi kollha fl-akkwata tas-sorpass, jinghata preavviz adegwat ta’ dak li ser jaghmel is-sorpassant u jkun cert li hu f’pozizzjoni li jista’ jibda u jittermina l-

manuvra tieghu minghajr ma jpoggi vetturi ohra f'periklu jew li jinnecessitalhom jiehdu mizuri straordinarji jew evasivi minhabba f'tali manuvra. Il-kodici tat-traffiku wkoll jikkontjeni insenjamenti simili fil-paragrafi 181 u 183. F'kelma wahda l-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa. Ara **Sultana Bros. Transport Limited vs Sabrina Cauchi et,** PA 31.10.2002, u **David Farrugia vs George Sammut,** PA 9.12.2004.

Minn qari tax-xiehda tal-istess konvenut hu car illi l-manuvra ta' sorpass f'dak il-hin u f'dawk il-kondizzjonijiet kienet negligenti. B'xita qliel u ghalhekk b'vizwali li tigi per forza limitata, biz-zlieq li x-xita tikkreja u ghalhekk il-manuvrabililita` ta' vettura jigi imperikolat, il-manuvra ta' Grech kienet riskjuza. L-attur jixhed li kien isuq bi speed ta' xi 45 kilometru fis-siegha u ghalhekk biex jeffettwa sorpass il-konvenut kellu bil-fors izid sostanzjalment l-ispeed tieghu. Inoltre l-konvenut jixhed li jista' jkun li kien hemm vettura ssuq fl-outer lane meta effettwa sorpass u dan jaghmel sens meta l-konvenut jixhed li meta ssorpassa lill-attur gie quddiemu f'distanza ravvicinita ta' 25 pied, cioe` tul ta' zewg vetturi biss. Li kieku ma kienx hemm vetturi fl-outer lane l-konvenut ma kienx ikollu raguni ghalfejn jerga' jidhol daqshekk malajr fl-inner lane. Tali distanza kienet qasira wisq f'dawk il-kondizzjonijiet ta' triq u temp biex tkun f'pozizzjoni certa li mintix ta' xkiel u riskju ghall-vetturi warajk, specjalment fit-toroq Maltin fix-xita. Infatti sehh dak li kien facilment prevedibbli u cioe` illi l-konvenut sab ghadira qawwija u l-vettura stallatlu.

L-esponenti mhux konvinti mit-trapass ta' zmien li l-konvenut jallega li ghadda sakemm sehh l-incident. Hu jixhed li lahaq waqaf u kien ser jiftah il-bieba tal-vettura meta sehh l-impatt. Id-distanza ta' 25 pied b'vettura warajh issuq bil-45 kilometru fis-siegha ma jaghtu ebda spazju ta' hin u l-habta x'aktarx kienet istantanja hekk kif il-vettura tal-konvenut hasset l-ilma u stallat.

Ma jistax jigi maghdud kontra l-attur ebda responsabilta` lanqas kontributorja ghall-incident stante li x-xiehda tieghu u l-fatti juru illi hu kien isuq fi triqtu u bla ebda kontributorjeta tieghu l-vettura tal-konvenut qalghet minn

warajh u dahlet quddiemu f'distanza ravvicinata li waqfet f'salt quddiemu kwazi minnufih u mhux wara xi trapass ta' zmien. Il-manuvra tal-konvenut ikkrejatlu emergenza subitanja li ma kellux la l-opportunita` u anqas il-hin li jevitaha. L-ispeed tal-attur ma rrizultax tali li kien eccessiv u l-hsarat fil-vetturi hu konciljabbli mat-tip ta' impatt li sehh fejn ma kienx hemm hin jew spazju biex l-attur inaqqas jew izomm xi brake ta' relevanza. Inoltre l-attur ra lill-konvenut meta kien gia magenbu fl-*overtaking* lane. Imkien il-konvenut ma jixhed li daqq il-horn u stenna xi zmien partikolari qabel beda diehel fl-inner lane. Di piu l-istess konvenut jammetti li l-overtaking sar meta t-triq minn '*slope*' tigi fic-'*catt*' fejn il-possibilita` ta ghadajjar hi hafna akbar.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jaqblu mall-konkluzjonijiet tal-espert legali u jissottomettu illi l-konvenut hu responsabbli ghall-incident u ghandu jhallas lill-attur l-ammont likwidat mill-ewwel perit legali."

Rat illi l-attur irrimetta ruhu ghar-rapport tal-periti addizzjonali u illi l-konvenut, minkejja illi inghata l-fakulta', ma ipprezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet, u naqas milli jeskuti r-rapport tal-periti addizzjonali.

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet tal-perit relatur li ghandhom valur probatarju qawwi. Huwa veru li, kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Philip Grima vs Carmelo Mamo et noe", il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 1998 qalet hekk, "il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta lkonkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha innifisha (Artikolu 681, Kap. 12). Dan pero` ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-

opinjoni teknika lilha sottomessa, b'ragunijiet li ma ghadhomx ikunu privi mill-kundizzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami." Aktar u aktar, imbaghad, meta l-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ghan-nomina ta’ periti addizzjonali (Vol. LI P I p 390). F’dan il-kuntest, ir-relazzjoni peritali tikkostitwixxi prova inkonfutabbli. Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “John Saliba vs Joseph Farrugia” deciza fit-28 ta’ Jannar 2000 illi:-

“Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta’ fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero’, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta’ l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova.”

Illi l-Qorti tal-Appell Kummercjali, permezz ta’ sentenza datata 23 ta’ Gunju, 1967 fil-kawza fl-ismijiet Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et (Kollez. Vol: LI.i.389) qalet hekk :

“Illi bil-ligi u b’harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta’ perit mahtur minn qorti u maghmula f’rapport imressaq minnu m’humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta’ fatt, specjalment f’oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici.”

Fehmiet bhal dawk m’ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall- hatra ta’ periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli;

Illi l-Qorti, peress illi taqbel pjenament mal-konkluzzjonijiet illi ghalihom waslu l-esperti addizzjonali minnha mahtura, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni taghhom u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa t-talbiet ta' l-attur u filwaqt ukoll illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u tichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' elf tmien mija u erbatax il-euro u hamsa u disghin centezmu (€1,814.95) bhala danni lill-attur, bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------